KLR 3/VIII/2019

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa, 7 t'Awwissu 2019 fil-17.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone u Charlie Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATA: Il-membru Maria Portelli.

Il-Kunsill aċċetta l-ittra t' apoloġija tal-membru skużat.

**3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**3.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

3.2.1 r-Reġjun Għawdex ħejja studju fuq lanterni *extra* li ġew individwati mill-kunsilli lokali Għawdxin minħabba nuqqas ta' dawl tat-toroq. Dan wara li f'Għawdex ġew introdotti l-bozzoz tat-toroq LED;

3.2.2 qed ikollu lmenti rigward il-fatt li l-*litter bins* ta' l-*area* tal-*bus terminus* qed jimtlew malajr speċjalment fil-ġranet tas-sajf. Il-membri qablu li jitpoġġa *litter bin* ġdid fejn it-*telephone box* il-ħamra fi Triq taħt Putirjal. Għandu jitpoġġa wkoll *litter bin* ieħor fuq il-latrina tal-irġiel fi Pjazza Indipendenza;

3.2.3 qed ikollu suġġerimenti sabiex il-Kunsill jara jekk hux possibli li jinbidel il-ħin tal-ġbir tal-iskart mir-Rabat u jsir aktar lejn nofisinhar. Il-membri qalu li jippreferu jekk il-ħin jibqa' kif inhu minħabba l-fatt li r-Rabat jagħmel nofs ta' nhar bl-iskart quddiem id-djar;

3.2.4 hemm bżonn li jsir l-infurzar neċessarju mill-Awtoritajiet sabiex jinżamm l-ordni fl-*area* ta' Pjazza Savina, speċjalment waqt il-ħin tal-monti. Il-membri qablu;

3.2.5 saret applikazzjoni ma' l-iskema finanzjarja – Żvilupp ta' Libreriji Lokali/Reġjonali f'Ċentri tal-Komunita'. L-applikazzjoni hi bbażata fuq xiri ta' *stools* u siġġijiet għall-librerija pubblika ta' Pjazza San Franġisk. Jekk tiġi aċċettata l-iskema, il-Kunsill joħroġ 15% tal-ispejjes li jammontaw għall-€ 264.74;

3.2.6 il-Kunsill hu eliġibbli għal €7,017.40 mill-fondi li tqassmu lill-Kunsilli Lokali u Reġjuni mill-Aġenzija LESA għas-sena bażi 2017. B'dawn il-fondi jkunu jistgħu jitfasslu u jiġu implimentati inizjattiv kulturali u soċjali fil-lokal;

**3.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

3.3.1 is-Segretarju Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva rigward il-Premju Anzjanita' Attiva 2019;

3.3.2 ir-Regjun Għawdex rigward l-offerta konġunta bejn il-Kunsilli Għawdxin biex jingaġġaw *Data Protection Officer*. Il-membri qablu li l-Kunsill tar-Rabat jagħti l-parti tiegħu f'din l-offerta;

3.3.3 GaleaCurmi Eng. fejn infurmaw lill-Kunsill li l-bozza l-ġdida proposta għal tarf Triq Ġorġ Pisani trid teħel ma' l-aħħar dar. Sid il-propjeta' m'aċċettatx;

3.3.4 il-President ta' l-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar il-'Malta Pride Initiative 2019'. Il-membri qablu li fir-Rabat hawn *pedestrian crossing* bil-kulur fi Triq Fortunato Mizzi fejn il-kumpless Arkadia;

3.3.5 il-President tal-Victoria Hotspurs F.C. fejn il-Kunsill ġie kkupjat f'korrispondenza li ntbagħtet liċ-*Chairman* – 'Sports Malta'. Il-klabb qed jitlob id-devoluzzjoni tal-piċċ tat-turf li hemm f'taċ-Ċawla H.E. Dan biex il-klabb ikun jista' jagħmel proġett ta' grawnd bit-turf adegwat.

**3.4 Immaniġjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

3.4.1 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat ta' garaxx fi Triq Forn il-Ġir;
3.4.2 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat ta' garaxx fi Triq Aniċi;
3.4.3 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat ta' garaxx fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace;
3.4.4 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat ta' garaxx f'Qasam San Ġorġ;
3.4.5 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat ta' garaxx fi Triq Dun Pawl Micallef;
3.4.6 *double yellow lines* quddiem il-bieb 20, fi Triq Għajn Qatet;
3.4.7 *traffic management* fi Triq Santa Marija.

3.4.8 Tressqet pjanta suġġerita mill-Peirt fir-rigward ta' Triq Sir Luiġi Camilleri biex issir *one way* l-isfel lejn Triq l-Ewropa. Qed issir il-konsultazzjoni neċessarja ma TM qabel tittieħed deċiżjoni.

3.4.9 Tressaq punt rigward id-*double yellow lines* li hemm ma naħħa waħda fi Triq ġdida fi Triq is-Seqer. TM kienet avżat lill-Kunsill li s-sinjali saru man-naħħa kollha minħabba li n-naħħa l-oħra hemm il-garaxxijiet u l-vetturi ma jkunux jistgħu joħorġu jekk fuq in-naħħa l-oħra jkun hemm il-karozzi pparkjati.

3.4.10 Il-membri qablu li jintalab il-permess għal *one metre double yellow line* ma garaxx fi Triq il-Madonna tal-Ġilju.

3.4.11 Il-membri qablu li TM għandha tiġi mistoqsija kif inbiddlu t-tabelli li hemm fil-bidu ta' Pjazza Indipendenza mingħajr ma saret konsulta mal-Kunsill.

**3.5 *Electric Mini Cabs***

Il-laqgħa ġiet sospiża u daħal s-Sur Sandro Ciliberti f'isem il-kumpanija Cominology Ltd. Huwa spjega proposta tiegħu biex issir rotta ta' *electric mini cabs* li jkunu jistgħu jaħdmu fiċ-ċentru tar-Rabat u jgħaddu ukoll minn toroq li ma jintlaħqux b'vetturi normali. Dan għandu jressaq proposta bil-miktub. Ġie rringrazjat tal-ispejga dettaljata u ħareġ mill-kamra.

Il-membri qablu li din il-porposta tiġi diskussa wara li titressaq il-proposta bil-miktub. Qablu wkoll li dawn il-vetturi m'għandhomx jidħlu fi Pjazza San Ġorġ minħabba li l-Kunsill kien li implimenta u ried li din l-pjazza tkun pedonali il-ħin kollu.

**3.6 Proġetti**

3.6.1 Il-membri qablu li bil-granit li kien intuża meta tranġat Pjazza San Ġorġ mill-V Kunsill, jinksew:- sqaq numru 1 fi Triq G.P.F. Agius De Soldanis u Triq Alfons Maria Ħili. Triq Arċipriet Saver Cassar titkompla pariġġ kif sar il-bqija tagħha fil-proġett mill-fondi tal-ERDF.

3.6.2 Rigward ir-restawr tan-niċċa tal-Madonna ta' Loretu. Il-Perit tal-Kunsill iltaqa' fuq is-sit mal-kuntrattur li ħa l-offerta (Joserosand Restoration Works'). Dan għadu ma ffirmax il-kuntratt. Il-Perit għarraf lill-Kunsill li milli jidher dan m'għandux esperjeza f'restawr. L-istess kuntrattur talab lil-Kunsill sabiex jipprovdilu l-i*scaffolding* u *bollards* u materjal ta' *safety* sabiex ikun jista' jaħedm. Skond l-offerta, il-kuntrattur għandu jagħmel tajjeb għal dan il-materjal kollu u l-kuntrattur ġie mgħarraf bil-miktub. Il-membri qablu li jekk ma jipprovdix ir-rekwiżiti kollha, il-Kunsill għandu jaqa' fuq it-tieni offerant. Minħabba dan id-dewmien imprevist il-Kunsill għandu wkoll jitlob estensjoni lid-direttur Eko-Għawdex fir-rigward tat-tlestija tal-proġett.

3.6.3 Fuq il-proġett ta' Pjazza Santu Wistin u rigward l-offerta għall-kisi tal-pjazza u ta' Pjazzetta fuq it-Tomba, il-bord ta' Evalwazzjoni qed jissuġġerixxi li din l-offerta taqa' minħabba li hi l-fuq mill-*budget*. Il-*estimated budget* kien €677,147.00 u l-offerti li ntefgħu huma ta' €783,009.98 u ta' €949,766.70. Il-membri qablu li l-Kunsill jimxi fuq il-parir tal-bord.

**3.7 Aġenda – Laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija**

Il-membri qablu li tintalab laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija biex tiġi diskussa din l-aġenda:-

- Traffiku,
- Ipparkjar illegali,
- Monti fi Pjazza Savina,
- Nuqqas t'aċċess fi Triq l-Arċipriet Saver Cassar.
- Kongestjoni fi Triq l-Imghallem c/w Triq Wara is-Sur

**3.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar t'Awwissu 2019 skont dokument A anness.

**3.9 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li :-

3.9.1 parti mill-bankina ta' quddiem Blokk G f'taċ-Ċawla H.E. issir rampa peress li f'dan il-blokk hemm persuna li tuża s-siġġu tar-roti;

3.9.2 titranġa bankina miksura – 'Waratah', Triq Guze Ellul Mercer;

3.9.3 titranġa l-kurduna tal-bankina ta' 'Villa Victoria', fi Triq Ġuże' Labre';

3.9.4 fil-*playing field*, fejn hemm il-kantunieri protettivi tal-lastiku u qed jinqalgħu, jitneħħew u anke' l-viti li jorbtuhom, peress li huma ta' periklu. Minflok għandhom jitneħħew il-kantunieri tal-istess ħitan;

3.9.5 jintalab il-parir tal-Perit sabiex isir *gutter* taħt il-*playing field* n-naħħa ta' Triq l-10 ta' Ġunju, sabiex l-ilma li hemm ħiereġ ma jkunx ta' periklu minħabba li din il-parti saret tiżloq. Is-Sindku ltaqa' ma rappreżentanti tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fuq il-post u skond huma dan l-ilma mhux drenaġġ.

3.9.6 ssir bozza ġdida ma 78, Triq Palma. Dan minħabba nuqqas ta' dawl li hemm f'din il-parti tat-triq;

3.9.7 l-Kunsill jara x'possibilita' hemm li l-bankini ta' Triq Palma li hemm faċċata ta' 'Scicluna' jinqatgħu għad-dritt. Dan minħabba l-fatt li l-vetturi qed jipparkjaw fuqhom u jekk il-bankina ssir bi dritt u li xorta jkollha l-aċċess għall-siġġijiet bir-roti, jkunu jistgħu jiżdiedu l-parkeġġi. Il-membri qablu li jintalbu l-veduti tal-Perit u ta' *Transport Malta*;

3.9.8 jitnaddfu l-*gutters* li hemm fi Triq Palma, Triq Karita', Sqaq numru 3, Triq Mons. Ġużeppi Farrugia, Sqaq numru 1, Triq l-Assunta u mad-dawra ta' Pjazza Indipendenza;

3.9.9 jitkomplew il-*gutters* neċessarji li kellhom isiru fi Pjazza San Ġorġ fil-bidu ta' Triq Karita' u fil-bidu ta' Triq San Ġorġ;

3.9.10 jiġu ordnati 4 bankijiet għal Pjazza Indipendenza biex jitpoġġew mal-Banca Giuratale u ħames *bollards* għal Triq Palma fejn hemm il-wesgħa fejn is-siġra tal-palm. Il-Kunsill diġa' għandu l-permess ta' TM sabiex ipoġġi dawn il-*bollards*.

3.9.11 titneħħa ż-żurżieqa li hemm fil-*playing field* f'taċ-Ċawla H.E. minħabba li saret perikoluża. It-tapit għandu jitranġa u jinġabu stimi ta' *playing field equipment* biex jitpoġġa fl-*area* ta' din iż-żurżieqa.

**3.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-19.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 5 ta' Settembru fil-17.00.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv